MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 526/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON AGIUS**
**VS**
**GLENN DEBATTISTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Glenn Debattista ta’ 29 sena, bin Carmelo u Mary nee’ Arpa, mwieled Pieta’ fl- 10 ta’ Dicembru 1981, residenti 32, St. Raphael flat, flat 6, Triq l- Empire Stadium, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 14082M;

Talli;

1) fl- 10 ta’ Mejju 2010 u/ jew fil- granet ta’ qabel din i- data, f’ dawn il- Gzejjer fl- akkwati u gewwa l- Ajruport

Internazzjonali ta’ Malta, kellu fil- pussess tieghu arma regolari u/ jew munizzjon liema pussess huwa projbit;

2) u akta rtalli fl- istess data, lok u cirkostanzi mmanifattura arma regolari li l- istess manifattura huwa pprojbit;

3) aktar talli fl- istess data, lok u cirksotanzi zamm f’ xi fond jew kellu fil- pussess tieghu, taht il- kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid- dintorni tieghu arma tan- nar u/ jew munizzjoni minghajr ma kellu licenzja taht l- Att dwar l- Armi;

4) aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi ezercita s- sengha jew in- negozju ta’ fabbrikant tal- armi minghajr ma ghandu licenzja mahruga mill- Kummissarju tal- Pulizija bil- parir tal- Bord;

5) fl- istess data, lok u cirkostanzi zamm fil- pussess tieghu jew f’ xi fond jew nkella uza’ arma tan- nar li hija elenkata taht Taqsima 1 tal- Iskeda III minghajr ma’ ghamel dikjarazzjoni lill- Kummissarju tal- Pulizija dwar dan il- pussess u l- intenzjoni ta’ uzu;

6) u aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi akkwista jew gie f’ idejh arma tan- nar u/ jew munizzjon xort’ ohra milli ghax ghandu licenzja, naqas li javza lill-Kummissarju tal- Pulizija;

7) aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi kellu fil- pussess tieghu arma tan- nar li mhux antika, artistika, storika jew rari u ma kienitx immarkata permanentament b’ numru ta’ serje u l- anqas il- pjanca tal- manifattur;

8) aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi dahhal jew zamm f’ zona ristretta, minghajr l- awtorizzazzjoni bil-miktub tal- Manager tas- Sigurta’ tal- Ajruport arma u/ jew munizzjon;

9) aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi minghajr awtorita’ legittima jew skuza ragonevoli kellu fil-

pussess tieghu xi oggett li ghalih japplika l- Artikolu 25 tal-Kapitolu 405 tal- Ligijiet ta’ Mata u cioe’ arma tan- nar u/ jew munizzjon;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat, li huwa impjegat ma’ kumpanija li tahdem fiz-zona tas-sigurta’ fl-Ajruport Internazzjonali, immanufattura oggett li tixbah arma tan-nar meta kien fuq il-post tax-xoghol. Dan ghamlu b’imhatra ma’ shabu, biex juri kemm kienet facli li jibni arma tan-nar. Gara li shabu ghamlulu cajta u hbew dan l-oggett, li sussegwentement spicca ghand is-superjuri taghhom. L-imputat kien gie mistoqsi mill-istess superjuri tieghu x’kien dak l-ogget u jekk kienx tieghu, u hu wiegeb fl-affermattiv. B’hekk gie fl-inkwiet l-imputat, u ttiehdu passi kontra tieghu f’din il-kawza.

Dawn il-fatti m’humiex kontestati. L-imputat, fl-istqarrija rrilaxxjata minnu u esebita fl-atti, jikkonferma dan kollu. Hu jispjega x’wassal ghall-bini ta’ dik l-arma, u ghal xiex ghamilha fil-“workshop” ta’ fejn jahdem. Hu jghid li qatt am kellu l-intenzjoni li juzaha b’xi mod, ghax jaf li kienet maghmula minn materjal ta’ kwalita dghajjfa. Ghalhekk, mhux kontestat li dak l-oggett kien tal-imputat. Li qed jigi kontestat hu l-interpretazzjoni tal-ligi li tipprojbixxi dan l-ghemil tal-imputat. Id-difiza argumentat li l-Kap 480 jirregola armi u armi biss. L-oggett li bena l-imputat qatt ma seta’ jintuza bhala arma tan-nar, ghax kien mibni hazin hafna. Ghalkemm in principju jixbah arma tan-nar, bil-mekkanizmu bhal ta’ arma tan-nar, qatt ma seta’ jintuza ghalhekk. Din it-tezi, argumentat id-difiza, hija gejja mit-tifsira li l-Kap 480 taghti lil arma tan-nar, a differenza ta’ dak li kienet tipprovdi l-ligi taht il-Kap 66, l-Ordinanza Dwar l-Armi, illum abrogata.

Ghalhekk, il-Qorti sejra tezamina l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, fid-dawl tal-ligi kif inhi llum, u fid-dawl tal-fatti inkontestati tal-kaz. Il-pern tal-kaz kollu huwa r-rapport tal-espert ballistiku, il-Brigadier Maurice Calleja, esebit fl-atti. Il-Brigadier Calleja jispjega li l-oggett maghmul mill-imputat ghandu l-mekkanizmu ta' arma tan-nar, izda huwa maghmul minn materjal ta' kwalita' inferjuri ghall-ahhar, tant li l-oggett ma jistax jintuza bhala arma tan-nar. Li kieku ntuza, dan seta' facilment jisplodi bl-iskartocc fih, u l-anqas ma seta' jigi sparat b'id wahda waqt li qed jinzamm b'id ohra. Fi kliem iehor, id-disinn u l-materjal kienu difettuzi tant li qatt ma seta' jintuza bhala arma tan-nar. Allura, l-imputat fil-fatt kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar regolari, jew immanufattura arma regolari, jew le? Din il-Qorti kif presjeduta kellha okkazjoni, f'kawzi ohra, li tikkonfiska armi tan-nar mahduma bl-idejn. Dawn, ghalkemm kienu ftit wahdiet, kienu effettivament jahdmu bhala armi, a kuntrarju ta' dik mertu ta' din il-kawza, u fil-fatt l-imputati f'dawk il-kawzi kienu nstabu hatja u l-armi mibnija minnhom kienu gew ikkonfiskati.

Ha nigu issa, ghalhekk, ghal dak li tipprovdi l-ligi. Fil-Kap 480, it-tifsira ta' arma tan-nar u ta' arma regolari hija din:

"arma tan-nar" tinkludi arma tan-nar tkun ta' liema ghamla tkun u kull tip iehor ta' pistola, azzarin jew kanun <u>li minnha jista' jigi sparat xi tir, balla jew missili,</u> u l-kanna, il-kulatta u *receiver* taghhom; (enfasi tal-Qorti)

"armi regolari" ghandu jkollha l-istess tifsira moghtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali u ghandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu;

Il-Kap 9, Artikolu 64, jaghti din it-tifsira ta'arma regolari:

Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

Fid-dawl ta’ dawn it-tifsiriet, il-Qorti issa ghandha tesamina l-imputazzjonijiet li ngabu kontra l-imputat. L-ewwel imputazzjoni hija dik ta’ pussess ta’ arma regolari gewwa l-Ajruport. Din ma tistax tirrisulta, ghas-semplici fatt li hu ma kellux il-pussess ta’ arma regolari. L-istess jista’ jinghad ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha, ghax kollha huma marbuta mat-tifsira ta’ arma skond il-Kap 480. Hekk, per ezempju, hu ma mmanufatturax arma regolari. L-anqas ma kellu fil-pussess tieghu arma minghajr licenzja tal-Kummissarju, ghax l-oggett li kellu ma kienx arma tan-nar. Hekk ukoll l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, ma tistax tinstab htija fl-imputat taht l-istess imputazzjonijiet.

Skond l-istess ligi li fuqha tressaq l-imputat, l-oggett li bena l-imputat m’hix arma tan-nar, ghax minnha ma jista’ jigi “sparat ebda tir, balla jew missila” kif trid il-ligi. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, dawn l-imputazzjonijiet ma jistghux jinkwadraw f’dan il-kaz, peress illi l-arma li bena l-imputat ma tistax tigi kklassifikata bhala arma tan-nar. Ghalhekk, l-imputazzjonijiet kollha ma jirrisultawx ippruvati, u l-imputat ghandu jigi liberat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L- Artikoli 3(a), 3(b), 5(1), 16(1), 35(3), 41, 44(1), 51 u 56 tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l- Artikoli 15, 17(3), 25(1)(c), 25(2)(a) u 25(4) tal-Kapitolu 405 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------